

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/133

tal-4 ta' Frar 2021

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-format bażiku, l-istruttura u l-mezzi ta' skambju tad-*data* taċ-ċertifikat ta' konformità f'format elettroniku**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 37(8) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jistabbilixxu l-organizzazzjoni u l-istruttura tan-network tad-*data* tagħhom, biex jippermettu l-forniment u r-riċeviment tad-*data* taċ-ċertifikati ta' konformità bħala *data* strutturata f'format elettroniku, huwa xieraq li għall-iskambju ta' dik id-*data* tiġi ddeżinjata s-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS) <sup>(2)</sup>. L-EUCARIS ġiet żviluppata mill-awtoritajiet governattivi u għalihom għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi u dwar il-liċenzji tas-sewqan.
- (2) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċertifikati ta' konformità jiġu skambjati b'mod uniformi u li l-elementi tad-*data* u l-messaġġi li jkun fihom ikunu armonizzati, il-format u l-istruttura tal-elementi ta' *data* taċ-ċertifikati ta' konformità jenħtieġ li jkunu bbażati fuq l-istruttura u l-prinċipji tal-iskema tal-Extensible Markup Language (XML). Il-manifattur u l-awtorità tal-approvazzjoni jenħtieġ li jużaw il-messaġġi standardizzati tal-Informazzjoni Inizjali dwar il-Vettura (IVI) żviluppata mill-parti maħtura tal-EUCARIS għat-tħaddim għall-iskambju tagħhom bħala *data* strutturata f'format elettroniku.
- (3) Sabiex l-awtorità tal-approvazzjoni u l-manifattur jkunu jistgħu jimplimentaw l-emendi għall-elementi tad-*data* għaċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858 fin-network tad-*data* tagħhom, jenħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti prattiċi għal tali emendi.
- (4) Sabiex l-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-Istati Membri kif ukoll il-manifatturi jkunu jistgħu jippreparaw għall-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li d-*data* tal-applikazzjoni tiġi differita.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Tekniku – Vetturi bil-Mutur (TCMV),

<sup>(1)</sup> ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1.

<sup>(2)</sup> Verżjoni konsolidata tat-Trattat EUCARIS dwar Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS) inklużi l-emendi ffirmati mill-Partijiet fit-8 ta' Ġunju 2017.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

##### **Il-mezzi ta' skambju tad-data**

1. Il-manifattur għandu jagħmel disponibbli verżjoni elettronika taċ-ċertifikat ta' konformità f'konformità mal-format u l-istruttura tal-elementi tad-*data* u l-messaġġi standardizzati stabbiliti fl-Artikolu 2 permezz ta' kwalunkwe punt ta' aċċess nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS) fl-Unjoni lill-awtorità tal-approvazzjoni tat-tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura sħiħa.
2. L-awtorità tal-approvazzjoni għandha tuża l-EUCARIS bħala l-mezz ta' skambju tad-*data* taċ-ċertifikat ta' konformità bħala *data* strutturata f'format elettroniku imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 37(8) tar-Regolament (UE) 2018/858.

#### Artikolu 2

##### **Format bażiku u struttura tal-elementi tad-data u messaġġi standardizzati**

1. Il-format u l-istruttura tal-elementi tad-*data* taċ-ċertifikati ta' konformità f'format elettroniku u l-messaġġi użati fl-iskambju, imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 37(8) tar-Regolament (UE) 2018/858, għandhom ikunu bbażati fuq l-istruttura u l-prinċipji tal-iskema Extensible Markup Language (XML).
2. Il-manifattur u l-awtorità tal-approvazzjoni għandhom jużaw il-messaġġi standardizzati tal-Infurmazzjoni Inizjali dwar il-Vettura (IVI) żviluppata mill-parti maħtura tal-EUCARIS għat-tħaddim, għall-iskambju taċ-ċertifikati ta' konformità bħala *data* strukturata f'format elettroniku.
3. Il-messaġġi IVI għandhom jinkludu l-elementi kollha tad-*data* taċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858.

#### Artikolu 3

##### **Proċedura għall-emendar tal-elementi tad-data**

1. Wara konsultazzjoni mal-Forum għall-Iskambju ta' Informazzjoni dwar l-Infurzar ("il-Forum") imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/858, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-parti maħtura tal-EUCARIS għat-tħaddim bl-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-elementi tad-*data* għaċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858.
2. Il-parti maħtura tal-EUCARIS għat-tħaddim għandha tagħmel l-emendi meħtieġa msemmija fil-paragrafu 1 għall-messaġġi IVI fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-emendi għaċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
3. Il-parti maħtura tal-EUCARIS għat-tħaddim għandha tippjana d-data jew id-dati tar-rilaxx tal-verżjoni emendata tal-messaġġi IVI stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 2 f'ħarsa ġenerali annwali, u għandha tinforma lill-Forum u lill-Kummissjoni biha fil-bidu ta' kull sena. L-għadd ta' rilaxxi tal-messaġġi IVI għandu jkun limitat għal tnejn fis-sena.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-verżjoni emendata tal-messaġġi IVI u d-dati annwali tar-rilaxx ippjanati tal-EUCARIS lill-Forum.
5. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri u l-manifatturi għandhom jimplimentaw il-verżjoni emendata tal-messaġġi IVI fis-sistemi rispettivi tagħhom fi żmien 12-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-emendi għaċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Iċ-ċertifikat ta' konformità li l-manifattur jagħmel disponibbli f'konformità mal-Artikolu 1(1) għandu jkun ibbażat fuq il-messaġġi IVI l-aktar reċenti li jirriflettu l-aktar emendi reċenti għaċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858.

7. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina d-dati tal-applikazzjoni tal-emendi għaċ-ċertifikat ta' konformità f'format stampat imsemmi fl-Artikolu 36(1) tar-Regolament (UE) 2018/858 billi tqis id-dati annwali tar-rilaxx ippjanati tal-messaġġi IVI.

#### Artikolu 4

#### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Frar 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

---